32003D0901

24.12.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 340/54

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-17 ta' Diċembru 2003
## dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim bilaterali bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi (l-Ażerbajġan, il-Każakistan, Taġikistan u Turkmenistan) dwar kummerċ fi prodotti tessili

(2003/901/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni negozjat, għan-nom tal-Komunità, ftehim bilaterali sabiex jiġi estiż il-ftehim bilaterali dwar kummerċ fi prodotti tessili ma' ċerti pajjiżi terzi (l-Ażerbajġan, il-Każakistan, Taġikistan u Turkmenistan).

(2) Soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, il-ftehim għandu jiġi firmat għan-nom tal-Komunità.

(3) Huwa xieraq li dan il-ftehim jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2004, fl-istennija tal-kompletazzjoni tal-proċeduri rilevanti għall-konklużjoni tiegħu, soġġett għal reċiproċità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Soġġett għal konklużjoni possibbli f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jaħtar persuni bis-setgħa li jiffirmaw għan-nom tal-Komunità Ewropea l-ftehim dwar kummerċ fi prodotti tessili bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi (l-Ażerbajġan, il-Każakistan, Taġikistan u Turkmenistan).

*Artikolu 2*

Soġġett għal reċiproċità, l-ftehim imsemmi f'Artikolu 1 għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2004 fl-istennija tal-kompletazzjoni tal-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

It-testi tal-ftehim huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. ALEMANNO